# FIL- PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 29 ta’ April 2025**

**Rikors numru 1127/2022**

**Mario Scerri (K.I. 0289063M)**

**vs.**

**Kuraturi Deputati nominati b’digriet tas-17 ta’ Jannar 2023, ġew nominati l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-P.L. Joeline Pace Ciscaldi sabiex jirrappreżentaw lil Emanuel Azzopardi (Liċenzja tas-sewqan Awstraljana 4155WD) u lill-eredita ġjaċenti tal-mejta Mary Calleja (Passaport Awstraljan bin-numru M9556001).**

**Il-Qorti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ippreżentat fit-28 ta’ Novembru 2022, fejn ġie premess li permezz ta' testment datat 3 ta' April 2001 Rosaria Brincat ħalliet bħala eredi universali lil ħames ħutha Carmela sive Nina Balzia, Nazzarena Mansueto, Violet Scerri, Mary Calleja u Emanuel Azzopardi f’ishma indaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari tà wliedhom u bi dritt għal akkrexximent bejniethom. F’dan it-testment, Rosaria Brincat kienet ħalliet ukoll lir-rikorrent b’titolu ta’ legat il-fond numru 4, fi Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar.

2. Ili wieħed mill-eredi fuq imsemmija, Carmela sive Nena Balzia, mietet fl-10 ta’ Mejju 2020 u permezz tal-aħħar testment tagħha

wirtuha it-tliet uliedha fi kwoti ndaqs bejniethom. Illi mill-eredi fuq imsemmija mietet ukoll Violet Scerri, u peress li mietet intestata wirtuha skond il-liġi is-sitt uliedha f'ishma ndaqs bejniethom. Is-sitt uliedha huma Therese Pace, Maria Farrugia, Gaetano Scerri, Redent Scerri, John Scerri u r-rikorrent Mario Scerri.

3. Illi llum l-eredi kollha ta' Rosaria Brincat kienu Mario Balzia, Eugenio sive Genio Balzia, Anna Maria Grech, Nazzarena Mansuieto, Therese Pace, Maria Farrugia, Gaetano Scerri, Redent Scerri, John Scerri, Mary Calleja, Emanuel Azzopardi u r-rikorrent Mario Scerri.

4. Permezz ta' att pubbliku datat l-1 ta' Awissu 2022, il-maġġor parti tal-eredi imittew fil-pussess lir-rikorrent Mario Scerri għal-legat tal-fond bin-numru 4 fi Triq l-Alka San Pawl il-Baħar. Madankollu, l-intimati eredi Emanuel Azzopardi u Mary Calleja qatt ma resqu sabiex ir-rikorrent jiġi debitament immess fil-pussess tal-legat tal-imsemmi fond.

   Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil Qorti sabiex

   i) Tiddikjara li l-intimati kienu obbligati li jimmettu lir-rikorrent Mario Scerri fil-pussess tal-legat imħolli lilu mill-eredità ta' Rosaria Brincat, ossija l-fond 4 Triq l-Alka San Pawl il-Baħar;
   ii) Tikkundanna lill-intimati jimmettu lir-rikorrent Mario Scerri fil-pussess ta' dak il-legat;
   iii) Tordna li tali immissjoni fil-pussess issir permezz ta' att pubbliku, u konsegwentement tiffissa jum, ħin, u lok għall-pubblikazzjoni ta' dak l-att, taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-istess att kif ukoll taħtar kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

5. Rat ir-risposta preżentata minn ċerta Raimonda Scorfna li saħqet li hija qatt ma kellha rabta mal-eredita ta' Mary Calleja għalkemm f'xi żmien kienet aġixxiet bħala prokuratriċi għal Mary Calleja fir-rigward ta' wirt li kien mess lil Mary Calleja mill-wirt t'oħtha. Fi kwalunkwe każ din il-prokura waqgħet mal-mewt ta' Mary Calleja.

6. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati ippreżentata fl-24 ta' Lulju 2023, permezz ta' liema sostnew li ma kienux edotti mill-fatti u irriżervaw li jissottomettu risposta ulterjuri.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fis-7 ta' Novembru 2024.

8. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

9. Rat li fil-verbal tal-21 ta’ Jannar 2025, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

10. Iz-zija tar-rikorrent, Rosaria Brincat, mietet fl-1 ta' Ġunju 2015. Permezz ta' testment fl-atti tan-nutar Joseph Tabone datat 3 ta' April 2001, markat Dok C, u eżebit a fol 11, Rosaria Brincat ħalliet lir-rikorrent, b’titolu ta' legat, il-fond bin-numru 4, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar filwaqt li innominat lil ħames ħutha, lil Carmela sive Nena Balzia, Nazzarena Mansueto, Violet Scerri, Mary Calleja u Emanuel Azzopardi bħala eredi universali tagħha, f’ishma indaqs bejniethom. Carmela sive Nena Balzia mietet fl-10 ta’ Mejju 2020 u permezz tat-testment tagħha tal-15 ta’ Frar 2005, eżebit a fol 17, irriżulta li wirtuha t-tliet uliedha Mario Balzia, Eugenio Balzia u Anna Maria Grech. Violet Scerri mietet intestata fid-19 ta’ Jannar 2017 u wirtuha ab intestato s-sitt uliedha Therese Pace, Maria Farrugia, Gaetano Scerri, Redent Scerri, John Scerri u r-rikorrent Mario Scerri f’ishma indaqs bejniethom. Permezz ta’ att pubbliku datat 1 ta’ Awissu 2022, markat Dok F, u eżebit a fol 23, dehru l-eredi ta’ Carmela Balzia, l-eredi ta’ Violet Scerri u Rita Briffa bħala kustodju ta’ Nazzarena Mansueto, li immittew fil-pussess tal-fond legat lir-rikorrent. Mill-banda l-oħra l-intimati Manuel Azzopardi u Mary Calleja qatt ma resqu sabiex jimmittu lir-rikorrent fil-pussess tal-legat tal-immobbli fuq imsemmi. B’hekk saret din il-kawża.

## C. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

11. Permezz tat-testment datat 3 ta’ April 2001 ta' Rosaria Brincat[1] li mietet fl-1 ta' Ġunju 2015,[2] innominat bħala eredi universali lil ħames ħutha lil Carmela sive Nena Balzia, Nazzarena Mansueto, Violet Scerri, Mary Calleja u Emanuel Azzopardi f’ishma indaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari tà wliedhom u bi dritt ta' akkrexximent bejniethom.

[1] Fol 11 et sequitur.
[2] Fol 6.

12. Carmela sive Nena Balzia mietet fl-10 ta’ Mejju 2020. Is-suċċessjoni tagħha kienet regolata permezz ta’ testment datat 15 ta’ Frar 2005,[3] fejn wirtuha wliedha.

13. Violet Scerri mietet intestata fid-19 ta’ Jannar 2017. Kif ġie dikjarat ukoll fl-att t’immissjoni fil-pussess eżebit minn Nutar Gianluca Sciberras fl-1 t’Awissu 2022, il-werrieta tagħha kienu wliedha.

14. Mill-provi prodotti rriżulta li l-eredi universali ta’ Rosaria Brincat kienu Nazzarena Mansuieto, Mary Calleja, Emanuel Azzopardi, Mario Balzia, Eugenio sive Genio Balzia, Anna Maria Grech, Therese Pace, Maria Farrugia, Gaetano Scerri, Redent Scerri, John Scerri, u r-rikorrent Mario Scerri.

15. Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Marzu 2024,[4] in-nutar Gianluca Sciberras, ippreżenta d-dokumentazzjoni[5] dwar l-eredita mertu ta' dan il-każ. Huwa semma li għamel ir-riċerki testamentarji, minn fejn irriżulta li kien jonqos l-immissjoni fil-pussess favur ir-rikorrent minn Emanuel Azzopardi u l-eredità ta' Mary Calleja. Għalkemm ġie premess li Mary Calleja ġiet nieqsa, ma nġiebux provi dwar meta, fejn u min l-eredi tagħha kienu. Kwantu għal Emanuel Azzopardi ma jirriżultaw ebda provi li jindikaw jekk dan kienx ħaj jew mejjet.

16. Imbagħad il-bqija tal-eredi ta' Rosaria Brincat - minbarra Emmanuel Azzopardi u Mary Calleja - dehru fuq att pubbliku datat l-1 ta' Awissu 2022[6] fl-atti tan-nutar Gianluca Sciberras fejn immittew lir-rikorrent Mario Scerri fil-pussess tal-legat il-fond *de quo*.

17. Kif ikkonferma r-rikorrent fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2023, Emmanuel Azzopardi u Mary Calleja kienu ilhom snin twal jgħixu ġewwa l-Awstralja fejn ir-rikorrent u l-avukat tiegħu ikkomunikaw magħhom kemm-il darba anki permezz ta' emails ma wliedhom sabiex tiġi solvuta l-kwistjoni odjerna. Iżda ġaladarba dak mitlub minnhom, sabiex issir l-immissjoni fil-pussess baqa' ma sarx, ir-rikorrent irrikorra għal din il-kawża.

---

[3] Fol 17.
[4] Fol 99.
[5] Dok GS1 fol 101 *et sequitur*.
[6] Fol 23.

18. Skont l-artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija b'legat. L-artikolu 726 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> 1. Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija b'legat.
> 2. Fil-każ ta' beni immobbli il-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.
> 3. Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.

19. Kif jingħad fin-Notes on Civil Law, tal-Professur Victor Caruana Galizia[7] p.1047: Skont l-artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili, il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija b'legat:

> Following the principles established by the Roman jurists (Fr. 2, D. "Quod Legatorum"), our law provides that "the legatee must demand of the heir possession of the thing bequeathed" (Section 763), even though such thing is determinate and found to exist in the estate at the time of the death of the testator. Possession vests by law in the heirs (Section 878), and it is for this reason that the legatee must demand it of the heirs. The transfer of possession is effected by means of delivery of the thing.

20. Kif ingħad, fil-każ **John u Maryanne konjuġi Buhagiar vs. Reġistratur tal-Qorti et** (736/1995/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Gunju 2004:

> Il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi per modum continuationis, u għalhekk jeħtieġ it-talba tal-legatarju għall-pussess tal-legat. L-artikolu 726 espressament jiddisponi li 'il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija b'legat.' Fil-ġurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u paċifika. (Ara Appell Ċivili **Maurice Busuttil vs Joseph Meli** {1998} Vol. I.XXXII.II.674.
>
> Inoltre ġie osservat, 'Żgur li l-liġi riedet illi legatarju anke jekk isir effettivament propjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur, m'għandux id-disponibilità sħiħa tal-oġġett lilu legat sakemm ma jiġix immess fil-pussess tiegħu mill-werrieta li min-naħa tagħhom sa dak il-mument ma jistgħux jiddisponu minnu propju għaliex ikun tħalla lil ħaddieħor. Hu proprju għalhekk li il-legatarju ma jistax jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja kontra terzi pussessuri tal-fond li jifforma l-oġġett legat qabel ma jkun ġie imess fil-pussess tiegħu [Vol XXIX.I.675}[8]. Il-legat ma jiġix trasferit *ipso jure*; u l-legatarju ma jistax jeżerċita ebda azzjoni kontra terzi fuq l-oġġett tal-legat qabel ma jkun sar il-possessur tal-legat. (Ara Prim Awla tal-Qorti Civili **Antonia Grech vs. Carmelo Farrugia** Vol. 44D.II.655).

[7] Vol 3, parti 2, paġna 1046.

[8] Ara l-Appell Ċivili **Francesco Vassallo La Rosa vs. Oreste Vassallo La Rosa** [1936} Vol. XXIXC.I.675.

Dan l-obbligu ta' l-immissjoni tal-legatarju fil-pussess tal-oġġett legat jeżisti wkoll fil-konfront tal-legatarju li jkun ukoll ko-eredi. Hekk fil-kawża **Rinaldo Wismayer vs. Mario Wismayer**[9], din il-qorti osservat li meta l-legatarju jkun wieħed mill-istess werrieta, il-formalità tat-talba għall-immissjoni fil-pussess hija dejjem meħtieġa għall-porzjonijiet li l-legatarju għandu jieħu mingħand il-ko-eredi.

21. Fil-kawża **Agnese Farrugia vs. Emanuel sive Noel Buttigieg** et (55/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-4 ta' April 2008, ingħad:

L-immissjoni fil-pussess hi meħtieġa wkoll fejn il-legatarju hu wieħed mill-werrieta tat-testatur. (Aa f'dan is-sens **Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu 1946), u fejn il-legat hu deskritt bħala prelegat. Hemm ukoll il-ġurisprudenza li l-legatarju li għandu l-pussess bil-kunsens taċitu tal-werrieta, m'għandux bżonn li jagħmel domanda formali lill-werrieta sabiex ikun hemm pussess leġittimu (ara **Vincenza Cassar vs Hebert L.W. Hare** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659 u **Salvatore Sciberras vs Antonio Sciberras et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil- 21 ta' Marzu 1941- Vol.XXXI.ii.23)........

.../...

Il-qorti għamlet referenza għall-insenjament tal-ġurista **Francesco Ricci** li ma kienx tal-fehma li l-legatarju jsir propjetarju hekk kif imut it-testatur; ' e principio infatti fondamentale che una cosa non puo entrare a far parte del patrimonio di un individuo, se esso non vi consenta. Puo chichessia rinunciare al diritto che a lui compete di proprieta su una cosa determinata, e puo volere che questo diritto vada a far parte del patrimonio altrui; ma cio solo non basta perche la cosa abbia senz altro a ritenersi come definittivamente entrata nel patrimonio di colui al quale si vuole trasferire........... Din il-kwistjoni ġiet riżolta fil-Kodici Taljan viġenti bl-introduzzjoni tal-artikolu 649. [10]

.../...

L-immissjoni fil-pussess għandha tintalab lill-eredi tad-decujus. Hu magħruf li jekk l-imsejħin għall-eredità ma jkunux aċċettaw l-eredità it-talba għall-immissjoni fil-pussess tal-legat issir kontra l-eredità rappreżentata minn kuraturi. (Ara **John Mauro Micallef et vs Maria Zammit** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Mejju 1953 - Vol. XXXVII.ii.701).

---

[9] Vol. XXXIIC.II.264. Prim Awla tal-Qorti Ċivili, per William Harding J (1946).

[10] Il legato si acquista senza bisogno di accettazione; salvo la facolta di rinunziare. Quando oggetto del legato e' la proprieta di una cosa determinante o altro diritto appartenente al testatore, la proprieta o il diritto si trasmette dal testatore al legatorio al momento della morte del testatore. Il legatario pero deve domandare all' onerato il possesso della cosa legata, anche quando non e` stato esprassamente dispensato dal testatore.

22. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tar-rikorrent saret ukoll referenza għal każistika fuq dan is-suġġett.

23. Fil-fatt, fil-każ, **Ir-Reverendu Patri Frangisku Azzopardi vs. Maria Hilda sive Hilda Cauchi et** (506/2002/1) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru 2004 ingħad:

> Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Baldaccino nomine vs Mifsud nomine** deċiża fid-29 ta' Ottubru 1999, il-proprjeta libera tal-legat tappartjeni lil-legatarju sa mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bħala 'kreditur' tal-wirt. Bħala 'kreditur' l-oġġett ma jkunx f' idejh qabel ma jingħata pussess ta' l-oġġett tal-kreditu, u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża Borg vs Vella et, deċiża fit-3 ta' Marzu 1995, l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija 'ċ-ċavetta' tal-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tingħata jew espressament jew taċitament u jingħad li hemm l-immissjoni fil-pussess taċita meta l-legatarju jieħu pussess materjali ta' l-oġġett u l-eredi ma jagħmilx oppożizzjoni. ..........
>
> Issa kif inhu risaput, legatarju ta' fond immobbli ma għandu ebda interess ġuridiku biex jiżgombra l-okkupant, qabel ma jkun immess fil-pussess tal-legat. Sakemm ma jottjenix mingħand l-eredi (jew l-eżekutur testamentarju) ir-rilaxx ta' l-oġġett legat, il-legatarju ma jistax jieħu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx il-legatarju ikun proprjetarju, iżda d-dritt tiegħu ta' proprjeta jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jeżerċitah. Id-dritt allegat u d-dritt ta' proprjetà, iżda jibqa' dritt inċert u suġġett tal-kontestazzjoni sakemm ma jiġix imiss fil-pussess. (Ara <u>Laurent</u> 'Diritto civile', Vol. XIV para 21 et seq).

24. F'dan il-każ ir-rikorrent huwa legatarju tal-fond numru 4 fi Triq l-Alka San Pawl il-Baħar, li saret propjetà tiegħu mil-mument tal-mewt ta' Rosaria Brincat fl-1 ta' Ġunju 2015; iżda huwa jikkontendi li sal-lum għad m'għandux id-disponibilità sħiħa tal-oġġett in kwantu għad ma kellux l-immissjoni fil-pussess mill-kumplament tal-werrieta l-oħra li ma dehrux fuq l-att formali tal-immissjoni fil-pussess ossija l-att pubbliku datat 1 ta' Awissu 2022 fol 23 *et sequitur*.

25. Għalhekk ir-rikorrent għandu jedd li jitlob li l-kumplament tal-werrieta l-oħra jagħtuh il-pussess tal-fond legat kif ukoll li jitlob li din l-immissjoni fil-pussess issir bil-mezz t'att pubbliku. Għalkemm mhux ċar kristall kif u meta Emanuel Azzopardi u Mary Calleja ġew ukoll mitluba li jagħmlu dan, jirriżulta mix-xiehda tar-rikorrent u tan-nutar Gianluca Sciberras li kienu saru xi tentattivi ma wlied dawk il-werrieta sabiex ikunu jistgħu jimmettuh fil-pussess tal-fond legat b'att pubbliku, iżda dawn tal-aħħar ma kkoperawx miegħu. Fid-dawl ta' din l-intransiġenza murija mill-kumplament tal-werrieta ta' Rosaria Brincat, intimati f'dan il-każ, allura r-rikorrent kellu wkoll il-jedd jadixxi

lil din il-Qorti għall-azzjoni meħtieġa. Għalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent.

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda:**

**(1) Filwaqt li teħles lil Raimonda Scorfna mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-intimati huma obbligati li jimmettu lir-rikorrent Mario Scerri fil-pussess tal-legat imħolli lilu mit-testatriċi Rosaria Brincat bit-testment in atti Joseph Tabone datat 3 ta' April 2001 kif spjegat iżjed il-fuq ossija l-intier tal-fond numru 4, “Sole House” drabi oħra magħruf ukoll bħala “Sole”, sottopost għal beni ta’ terzi, fi Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar;**

**(2) Tilqa’ t-tieni talba u b’hekk tikkundanna ossija tordna lill-intimati jimmettu lir-rikorrent Mario Scerri fil-pussess tal-legat imħolli lilu kif iddikjarat u deċiż fit-talba preċedenti;**

**(3) Tilqa’ t-tielet talba u tordna li tali immissjoni fil-pussess għandha ssir permezz ta’ att pubbliku u konsegwentement:**
**(a) taħtar lin-nutar Gianluca Sciberras sabiex jippubblika l-att pubbliku għall-immissjoni fil-pussess tal-legat iżjed il-fuq imsemmi u sabiex jagħmel dawk l-atti kollha li huma neċessarji, inċidentali, anċillari u/jew konsegwenzjali għal dan il-għan, liema att għandu jsir mhux iżjed tard minn tliet xhur mid-data ta’ din is-sentenza f’dik id-data, ħin u lok stabbiliti minn nutar Gianluca Sciberras;**
**(b) kif ukoll taħtar lill-kuraturi deputati li dehru f’din il-kawża sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att u b’hekk jidhru fid-data, ħin u lok stabbiliti minn nutar Gianluca Sciberras sabiex ikun jista’ jiġi pubblikat l-istess att pubbliku t’immissjoni fil-pussess.**

**Bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-intimati.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**